MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru. 972/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**CHRISTINE MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christine Mizzi ta’ 31 sena, bint Mario u Rita xebba Gauci, imwielda Pieta’ nhar il-21 ta’ Marzu 1981, residenti gewwa l-fond numru 58, Triq Tony Zahra, Zejtun u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 170181 M.

Giet akkuzata talli fit-28 ta’ Mejju 2010 u fil-granet ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin minnha fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta Kapitolu 9, u cioe’ talli:

Nhar it-28 ta’ Mejju 2010 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’diversi hinijiet matul il-gurnata w il-lejl, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-iSptar Mater Dei, ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti relatati mas-sahha medika, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-lok kif ukoll bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data u fil-granet ta’ qabel u/jew wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement, laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, u cioe’ diversi oggetti relatati mas-sahha medika, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reati, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputata Christine Mizzi m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata. Inoltre l-istess

Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(d), 261(e) u (f), 269, 270 u 281(ċ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Christine Mizzi, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata, tillibera lill-istess imputata Christine Mizzi taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda ricettazzjoni fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur dwar din it-tieni akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Christine Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------